KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fid-29 ta' Mejju 2013[1]

**Kawża C-132/12 P**

**Stichting Woonpunt,**
**Stichting Havensteder, li kienet Stichting Com.wonen,**
**Woningstichting Haag Wonen,**
**Stichting Woonbedrijf SWS Hhvl**
**vs**

**Il-Kummissjoni Ewropea**

"Appell — Skema ta' għajnuna mogħtija mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali — Deċiżjoni li tagħmel vinkolanti l-impenji tal-awtoritajiet Olandiżi sabiex jikkonformaw ruħhom mad-dritt tal-Unjoni — Għajnuna maħsuba mill-awtoritajiet Olandiżi favur proġett speċjali għal żoni urbani mitluqa — Deċiżjoni li tiddikjara s-sistema kompatibbli mas-suq komuni — Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE — Kunċett ta' att regolamentari li jikkonċerna direttament persuna fiżika jew ġuridika u li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni"

## I – Introduzzjoni

1. Din il-kawża għandha bħala suġġett l-appell ippreżentat mill-kumpanniji ta' akkomodazzjoni ("woningcorporaties", iktar 'il quddiem il-"wocos") Stichting Woonpunt, Stichting Havensteder, li kienet Stichting Com.wonen, Woningstichting Haag Wonen u Stichting Woonbedrijf SWS Hhvl minn digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Diċembru 2011, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (T-203/10, iktar 'il quddiem id-"digriet ikkontestat").

2. Fid-digriet ikkontestat, il-Qorti Ġenerali ddikjarat bħala inammissibbli r-rikors tagħhom għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9963 finali, tal-15 ta' Diċembru 2009, dwar l-għajnuna mill-Istat E 2/2005 u N 642/2009 — il-Pajjiżi l-Baxxi — Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika għal proġetti favur kumpanniji ta' akkomodazzjoni soċjali (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tikkonċerna l-għajnuna eżistenti E 2/2005, kienet tirrigwarda r-rikorrenti kif ukoll kull operatur ekonomiku ieħor li jinsab, attwalment jew potenzjalment, f'sitwazzjoni identika u li konsegwentement il-kwalità tagħhom ta' wocos, iddefinita skont kriterji oġġettivi, waħedha ma kinitx biżżejjed sabiex jiġi stabbilit l-interess individwali tagħhom. Għal dak li jirrigwarda l-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għajnuna ġdida N 642/2009, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li annullament ma kienx ta' natura li jipprovdi benefiċċju lir-rikorrenti u li dawn ma ġabux prova tal-interess ġuridiku tagħhom sabiex jitolbu l-annullament ta' dik id-deċiżjoni.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

3. Għalhekk, fid-digriet ikkontestat il-Qorti Ġenerali eżaminat biss il-kundizzjonijiet tal-interess ġuridiku u tal-interess individwali kif kienu stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-ex Artikolu 230 KE. Issa, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (li seħħ qabel id-deċiżjoni kkontestata), infetħet it-tielet possibbiltà għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jixtiequ jitolbu annullament. L-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE issa tawtorizzahom jitolbu annullament ta' atti regolamentari li jikkonċernawhom direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implementazzjoni.

4. F'dawn il-konklużjonijiet, sa fejn l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat abbażi tal-Artikolu 263 TFUE hija kwistjoni ta' ordni pubbliku, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiġi eżaminata l-applikabbiltà tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE f'dan il-każ partikolari. Ser nargumenta wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma għamlitx din l-analiżi. Sussegwentement, ser nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi b'mod definittiv din il-kwistjoni, tiddikjara r-rikors ammissibbli sa fejn jirrigwarda l-parti tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna E 2/2005 u tirrinvija l-kumplament tal-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali, sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu [2].

## II – Il-fatti li wasslu għall-kawża

5. Ir-rikorrenti huma l-wocos stabbiliti fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dawn huma assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' lukru li għandhom bħala missjoni li jixtru, jibnu u jikru djar intiżi essenzjalment għal persuni żvantaġġati u għal gruppi soċjalment żvantaġġati. Il-wocos jeżerċitaw ukoll attivitajiet oħrajn bħall-bini u l-kiri ta' appartamenti b'kirjiet ogħla, il-bini ta' appartamenti intiżi għall-bejgħ kif ukoll il-kostruzzjoni u l-kiri ta' immobbli ta' interess ġenerali.

### A – *L-għajnuna E 2/2005 (għajnuna eżistenti)*

6. Fl-2002, l-awtoritajiet Olandiżi nnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea bl-iskema ġenerali ta' għajnuna mill-Istat intiża għall-wocos. Billi l-Kummissjoni kkunsidrat li l-miżuri ta' finanzjament tal-wocos jistgħu jiġu kkwalifikati bħala għajnuna eżistenti, l-awtoritajiet Olandiżi rtiraw in-notifika tagħhom.

7. Madankollu, fl-14 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Olandiżi ittra skont l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [88 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339) fejn esprimiet dubji fuq il-kompatibbiltà tal-għajnuna E 2/2005 mas-suq komuni. Preliminarjament, il-Kummissjoni indikat li l-awtoritajiet Olandiżi kellhom jiddefinixxu mill-ġdid il-missjoni pubblika mogħtija lill-wocos, b'mod li l-akkomodazzjoni soċjali tkun irriżervata għal grupp affettwat, iddefinit b'mod ċar, ta' persuni żvantaġġati jew gruppi soċjalment żvantaġġati. Hija żiedet tgħid li l-attivitajiet kummerċjali kollha tal-wocos kellhom jiġu eżerċitati bil-kundizzjonijiet tas-suq u li dawn ma setgħux jibbenefikaw minn għajnuna mill-Istat. Fl-aħħar nett, skont il-Kummissjoni, l-offerta ta' akkomodazzjoni soċjali kellha tiġi adattata għat-talba tal-persuni żvantaġġati jew ta' gruppi soċjalment żvantaġġati.

8. Wara li ntbagħtet din l-ittra, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Olandiżi bdew negozjati sabiex l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni titqiegħed f'konformità mal-Artikolu 106(2) TFUE.

9. Fis-16 ta' April 2007, il-Vereniging van Institutionele Beleggers in Vastgoed, Nederland (Assoċjazzjoni tal-Investituri tal-Proprjetà Immobbli Istituzzjonali tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi) ressqet ilment mal-Kummissjoni dwar l-iskema ta' għajnuna mogħtija lill-wocos. F'Ġunju 2009, Vesteda Groep BV assoċjat ruħha ma' dan l-ilment.

2 — Għal kawża fejn il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet dan, ara s-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-463/10 P u C-475/10 P, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punti 77 sa 82).

10. B'ittra tat-3 ta' Diċembru 2009, l-awtoritajiet Olandiżi ħadu ħsieb jemendaw l-iskema ġenerali ta' għajnuna mill-Istat favur il-wocos u bagħtu lill-Kummissjoni diversi proposti skont dawn l-impenji.

11. Fuq din il-bażi, huma adottaw regoli ġodda li kienu s-suġġett ta' digriet ministerjali ġdid u ta' liġi ġdida fuq l-akkomodazzjoni u d-dħul fis-seħħ tagħhom kien rispettivament stabbilit għall-1 ta' Jannar 2010 u l-1 ta' Jannar 2011.

12. Fir-rigward tal-kompatibbiltà tas-sistema l-ġdida ta' finanzjament tal-wocos kif proposta mill-awtoritajiet Olandiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-punt 72 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-għajnuna mħallsa għall-attivitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali, jiġifieri marbuta mal-bini u mal-kiri ta' djar intiżi għall-individwi, inklużi l-bini u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi awżiljarji, [...] huma kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, il-Kummissjoni aċċettat l-impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi u adottat id-deċiżjoni kkontestata.

### B – *L-għajnuna N 642/2009 (għajnuna ġdida)*

13. Fit-18 ta' Novembru 2009, l-awtoritajiet Olandiżi nnotifikaw skema ġdida ta' għajnuna għat-tiġdid ta' inħawi urbani mitluqa. Il-wocos li jagħmlu xogħol fl-inħawi magħżula jibbenefikaw minn din l-iskema ġdida msemmija "għajnuna speċifika għall-proġett intiż għal ċerti distretti". Din l-iskema kellha tiġi applikata bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk previsti għall-miżuri li jirrigwardaw l-iskema ta' għajnuna E 2/2005 kif emendata wara l-impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi.

14. L-għajnuna N 642/2009 kellha tieħu l-forma ta' sussidji diretti mħallsa miċ-Centraal Fonds Volkshuisvesting (Fond Ċentrali tal-Akkomodazzjoni) għat-twettiq ta' proġetti speċifiċi dwar il-bini u l-kiri ta' akkomodazzjoni f'żoni ġeografiċi limitati li jikkorrispondu għall-ifqar komunitajiet urbani. Il-finanzjament tagħha kellha tiġi żgurata b'taxxa ġdida li jħallsu l-wacos li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom barra ż-żoni urbani sensittivi.

15. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-għajnuna N 642/2009 kienet kompatibbli mas-suq komuni. Hija kkunsidrat li l-"għajnuna mħallsa għall-attivitajiet ta' kostruzzjoni u tal-kiri tal-akkomodazzjoni intiżi għall-individwi, inklużi l-bini u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi annessi, u tal-bini u l-kiri ta' proprjetà immobbli ta' interess ġenerali, huma kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li ma tqajjimx oġġezzjonijiet fir-rigward tal-miżuri l-ġodda nnotifikati.

## III – Il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digriet ikkontestat

16. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-30 ta' April 2010, ir-rikorrenti ppreżentaw, skont l-Artikolu 263 KE, rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

17. Insostenn tat-talba tagħhom, ir-rikorrenti qajmu diversi aggravji. Madankollu, billi l-Kummissjoni kkontestat l-ammissibbiltà tar-rikors tagħhom, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li qabelxejn tagħti s-sentenza tagħha fuq din il-kwistjoni.

18. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sostniet, minn naħa, li r-rikorrenti ma kinux, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, ikkonċernati individwalment bid-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija relatata mal-għajnuna E 2/2005 u, min-naħa l-oħra, ma kellhomx interess ġuridiku fil-konfront tal-parti tad-deċiżjoni dwar l-għajnuna N 642/2009.

19. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti ma kinux id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005. F'dan ir-rigward, hija fakkret, qabelxejn, il-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li impriża ma hijiex ammessa li tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali meta din id-deċiżjoni ma tikkonċernahiex ħlief għall-appartenenza tagħha għas-settur inkwistjoni jew għall-kwalità tagħha ta' benefiċjarja potenzjali ta' dik l-iskema. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-istess jgħodd għal rikors għal annullament ta' deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni, wara li qieset l-impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali, iddikjarat kompatibbli mas-suq komuni l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni kif emendati.

20. F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, minn naħa, fil-punti 31 u 32 tad-digriet ikkontestat, li l-kwalità ta' wocos kienet ingħatat skont kriterji oġġettivi li jistgħu jissodisfawhom numru indeterminat ta' operaturi. Hija fakkret, minn naħa l-oħra, fil-punt 33 ta' dak id-digriet, li l-wocos biss setgħu jkunu l-benefiċjarji potenzjali tal-miżuri tal-għajnuna billi l-eżami tal-Kummissjoni "kien jikkostitwixxi eżami preliminari" tal-iskema ta' għajnuna emendata wara l-impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali.

21. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet minn dan li s-sempliċi kwalità ta' wocos ma kinitx tippermetti li dawn l-operaturi jiġu kkunsidrati bħala li huma kkonċernati individwalment bid-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005.

22. Barra minn hekk, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn tolqot l-għajnuna ġdida N 642/2009 u tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 63 tad-digriet ikkontestat, li r-rikorrenti ma kinux taw prova tal-interess ġuridiku tagħhom, billi l-annullament ta' din il-parti tad-deċiżjoni ma setgħet tipprovdilhom l-ebda benefiċċju.

23. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors kollu kien inammissibbli.

## IV – L-appell

24. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Marzu 2012, ir-rikorrenti ppreżentaw dan l-appell. Huma qed jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja li tannulla, għal kollox jew parzjalment, id-digriet ikkontestat u sabiex tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali. Huma jitolbu wkoll li l-Kummissjoni tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż.

25. Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jinvokaw tliet aggravji. L-ewwel u t-tieni aggravji jirrigwardaw il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar il-parti tad-deċiżjoni li tikkonċerna l-għajnuna E 2/2005, it-tielet aggravju jirrigwarda l-għajnuna N 642/2009, jiġifieri:

— bl-ewwel aggravju tagħhom, ir-rikorrenti jikkunsidraw li d-digriet ikkontestat fih żball ta' liġi, evalwazzjoni mhux preċiża tal-fatti rilevanti u nuqqas ta' motivazzjoni meta għamlet l-ammissibbiltà tar-rikors tiddependi fuq il-kwistjoni jekk l-appellanti humiex benefiċjarji effettivi jew potenzjali tal-miżuri eżistenti;

— bit-tieni aggravju tagħhom, huma jilmentaw li l-Qorti Ġenerali għamlet żball ta' liġi meta kkunsidrat li ma kinux jappartjenu għal ċirku magħluq ta' wocos eżistenti benefiċjarji tal-għajnuna E 2/2005; u

— bit-tielet aggravju tagħhom, huma jikkunsidraw, fl-aħħar nett, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma kellhomx interess ġuridiku fil-konfront tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna N 643/2009.

26. Fit-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rikorrenti jippreċiżaw li, jekk huma ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala kkonċernati individwalment bid-deċiżjoni kkontestata, huma jistgħu minkejja dan jitolbu l-annullament għaliex dan jikkostitwixxi att regolamentari li jikkonċernahom direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni.

A – *Fuq it-tielet aggravju, dwar l-interess ġuridiku tar-rikorrenti*

27. L-interess ġuridiku jikkorrispondi mal-interess li jinkiseb l-annullament tal-att magħmul. Dan l-annullament għandu jkollu, fih innifsu, konsegwenzi legali għar-rikorrent[3], jiġifieri, b'mod iktar preċiż, ikun jista' jiksiblu benefiċċju[4].

28. Fid-digriet ikkontestat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet espressament fuq l-interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-konfront tal-għajnuna N 642/2009 billi l-Kummissjoni kkontestatilhom dan l-interess. Madankollu, hija ma eżaminatx din il-kundizzjoni għal dak li jirrigwarda l-aspett tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għajnuna E 2/2005.

29. L-interess ġuridiku huwa kundizzjoni essenzjali u ewlenija għal kull proċedura ġudizzjarja[5]. L-assenza tiegħu tikkostitwixxi eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku li tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Ġustizzja[6]. Għaldaqstant, nikkunsidra li huwa neċessarju, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-konklużjonijiet tiegħi fuq il-kawżi l-oħra possibbli ta' inammissibbiltà, li l-kwistjoni tiġi eżaminata għaż-żewġ għajnuniet ikkontestati.

1. L-għajnuna N 642/2009 u l-interess ġuridiku

30. Filwaqt li l-Qorti Ġenerali enfasizzat li d-deċiżjoni kkontestata ddikjarat kompatibbli għajnuna ġdida li tagħha kienu benefiċjarji potenzjali r-rikorrenti, hija ddeċidiet, fil-punt 63 tad-digriet ikkontestat, li l-annullament tad-deċiżjoni kontestata ma kienx ta' natura li jiksbilhom benefiċċju u li għalhekk huma ma kinux taw prova tal-interess ġuridiku tagħhom.

31. Fuq il-bażi tat-tielet aggravju li qajmu r-rikorrenti sabiex isostnu l-appell tagħhom, huma jallegaw li din l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali hija vvizzjata minn żball ta' liġi. Huma jikkunsidraw li għandhom interess li jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata għaliex il-Kummissjoni kienet iddikjarat l-għajnuna N 642/2009 kompatibbli mas-suq komuni biss sa fejn din kienet suġġetta għall-istess kundizzjonijiet ta' għoti bħal dawk li jirrigwardaw is-sistema tal-għajnuna eżistenti E 2/2005. Għalhekk id-deċiżjoni kkontestata ġġib magħha effetti legali sfavorevoli għalihom, bħala benefiċjarji, għaliex l-għajnuna l-ġdida inkwistjoni ma tkunx tista' tingħata ħlief taħt kundizzjonijiet ta' limitazzjoni li huma enumerati fid-deċiżjoni kkontestata.

32. Tressqu tliet argumenti. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali telqet, b'mod żbaljat, mill-idea li l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-iskema ta' għajnuna N 642/2009 rriżultaw mill-inizjattiva tal-awtoritajiet nazzjonali u mhux mill-Kummissjoni. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi li kien hemm interess ġuridiku tar-rikorrenti għar-raġuni li ma kienx ċar jekk il-Kummissjoni kinitx tapprova l-iskema ta' għajnuna f'kundizzjonijiet oħra. Fl-aħħar nett, f'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali ma laqgħatx l-ilmenti tar-rikorrenti dwar ir-rispett tad-drittijiet proċedurali tagħhom.

3 — Sentenza tal-24 ta' Ġunju 1986, Akzo Chemie u Akzo Chemie UK vs Il-Kummissjoni (53/85, Ġabra p. 1965, punt 21).

4 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Frar 2008, Neirinck vs Il-Kummissjoni (C-17/07 P, punt 45), kif ukoll tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 37).

5 — Digriet tal-31 ta' Lulju 1989, S. vs Il-Kummissjoni (206/89 R, Ġabra p. 2841, punt 8).

6 — Digriet tas-7 ta' Ottubru 1987, d. M. vs Il-Kummissjoni u CES (108/86, Ġabra p. 3933, punt 10).

33. Għandu jitfakkar li mill-Artikolu 256 TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jirriżulta li l-appell huwa limitat għall-punti ta' liġi. Hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti, minn naħa, sabiex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ li l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati lilha u, min-naħa l-oħra, sabiex tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni li teżerċita, skont l-Artikolu 256 TFUE, stħarriġ dwar il-kwalifikazzjoni ġuridika ta' dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tkun waslet għalihom il-Qorti Ġenerali abbażi ta' dawn il-fatti.

34. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni li tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, li teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali tkun qieset insostenn ta' dawn il-fatti. Fil-fatt, ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu legalment, u ladarba l-prinċipji ġenerali tad-dritt u r-regoli ta' proċedura applikabbli fil-qasam tal-oneru u produzzjoni tal-provi jkunu tħarsu, hija biss il-Qorti Ġenerali li hija kompetenti sabiex tevalwa l-valur li għandu jiġi attribwit lill-elementi mressqa quddiemha. L-evalwazzjoni tal-fatti b'hekk ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każijiet ta' żnaturazzjoni tal-elementi ppreżentati lilha, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell[7].

35. Issa, f'dan il-każ, meta jallegaw li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat b'mod żbaljat li l-kundizzjonijiet ta' għoti tal-għajnuna N 642/2009 saru mill-awtoritajiet Olandiżi u mhux mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti poġġew fid-dubju l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti Ġenerali, mingħajr, madankollu, ma wrew żnaturament tal-fatti.

36. Permezz tat-tieni argument tagħhom, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq il-fatt li ma kienx ċert jekk il-Kummissjoni kinitx tapprova l-iskema ta' għajnuna f'kundizzjonijiet oħrajn sabiex tiġi kkonstatata l-assenza ta' interess ġuridiku. Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument huwa mmirat lejn motiv superfluwu tal-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, li jekk jiġi skartat ma jippermettix li jiġi rrikonoxxut l-interess ġuridiku tar-rikorrenti. Barra minn hekk, nikkunsidra wkoll li r-rikorrenti qed jinterpretaw manifestament ħażin il-punt 59 tad-digriet ikkontestat. Fil-fatt, ma jirriżultax mill-qari ta' dan il-punt li huma ma għandhomx interess ġuridiku għaliex ma kienx ċert jekk il-Kummissjoni kinitx tapprova l-iskema ta' għajnuna f'kundizzjonijiet oħra li kienu jkunu iktar favorevoli għalihom. Il-Qorti Ġenerali sempliċiment riedet tenfasizza li r-rikorrenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ma setgħux jibbażaw ruħhom fuq sitwazzjoni preċedenti għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li kienet tkunilhom iktar favorevoli, peress li ma kellhom, bħala prinċipju, l-ebda dritt kweżit sabiex jiksbu għajnuna ġdida li kienet għadha fl-istadju ta' eżami preliminari mill-Kummissjoni.

37. Fir-rigward tat-tielet argument insostenn tat-tielet aggravju, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata fil-bidu ta' eżami preliminari u wasslet biex tiddikjara l-għajnuna kompatibbli mas-suq komuni, ir-rikorrenti, fil-kwalità tagħhom ta' benefiċjarji potenzjali ta' din l-għajnuna ġdida, ma setgħux isostnu li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi billi ma żguratx ir-rispett tad-drittijiet proċedurali previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 659/1999 għall-proċedura msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 108 TFUE.

38. Fil-bidu ta' din l-analiżi, nikkunsidra li l-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi fl-evalwazzjoni tagħha tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti fil-konfront tal-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għajnuna N 642/2009. Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jitqies li huwa parzjalment, manifestament inammissibbli u parzjalment, manifestament infondat.

7 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2008, Bertelsmann u Sony Corporation of America vs Impala (C-413/06 P, Ġabra p. I-4951, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

2. L-għajnuna E 2/2005 u l-interess ġuridiku

39. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li s-sistema Olandiża ta' finanzjament tal-akkomodazzjoni soċjali, anki emendata, kienet għajnuna mill-Istat eżistenti. Wara li eżaminat il-portata tal-emendi li għamel il-Gvern Olandiż, hija kkonkludiet li "l-għajnuna mħallsa għall-attivitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali, jiġifieri marbuta mal-bini u l-kiri ta' djar intiżi għall-individwi, inklużi l-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' infrastrutturi awżiljarji, [kienu] kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [8].

40. Skont l-ittra mibgħuta fit-3 ta' Diċembru 2009 mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi lill-Kummissjoni, ir-regoli l-ġodda kellhom jiġu introdotti b'digriet ministerjali u liġi ġdida fuq l-akkomodazzjoni li kellhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010 u l-1 ta' Jannar 2011 rispettivament. Barra minn dan, ir-regoli l-ġodda japplikaw biss għall-attivitajiet futuri.

41. Għalhekk l-ewwel eżami tal-proċedura jista' jħalli lil dak li jkun jaħseb li annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma jġib l-ebda benefiċċju lir-rikorrenti sa fejn dan ma jistax ikollu bħala effett li jħassar it-testi l-ġodda tal-liġi u d-digriet adottati mill-awtoritajiet Olandiżi.

42. Madankollu, jirriżulta mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 li l-emendi li għamlu s-sistema kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni kienu saru mill-Kummissjoni u hija għamlithom vinkolanti.

43. Fil-fatt, l-imsemmija dispożizzjoni tipprovdi li "[f]ejn l-Istat Membru kkonċernat jaċċetta l-miżuri proposti u jinforma lill-Kummissjoni dwarhom, il-Kummissjoni għandha tirreġistra dik is-sejba u tinforma lill-Istat Membru dwarha. L-Istat Membru għandu jkun marbut bl-aċċettazzjoni tagħha li jimplimenta l-miżuri xierqa."

44. In-natura vinkolanti ta' deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2004, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-242/00, Ġabra p. I-5603).

45. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Kummissjoni setgħet, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi li għandha skont l-Artikoli 87 KE u 88 KE [li saru l-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE] tistabbilixxi linji gwida li jkollhom bħala għan li jindikaw il-mod kif kellha l-intenzjoni teżerċita, skont dawn l-istess artikoli, is-setgħa diskrezzjonali tagħha fir-rigward tal-għajnuna l-ġdida jew fir-rigward tal-iskemi ta' għajnuna eżistenti. Billi dawn kienu bbażati fuq l-Artikolu 88(1) KE [li sar l-Artikolu 108(1) TFUE], dawn il-linji gwida jirrappreżentaw element ta' kooperazzjoni regolari u perjodika li fil-kuntest tagħha l-Kummissjoni tagħmel, flimkien mal-Istati Membri, eżami permanenti tal-iskemi tal-għajnuna eżistenti u tipproponilhom il-miżuri utli meħtieġa għall-iżvilupp progressiv jew il-funzjonament tas-suq komuni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet tgħid ukoll li "sa fejn dawn il-proposti ta' miżuri utli huma aċċettabbli mill-Istat Membru, dawn għandhom effett vinkolanti fir-rigward ta' dak l-Istat Membru [...] [9]" u kkonstatat li "l-leġiżlatur Komunitarju [kien] adotta min-naħa tiegħu l-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza [...] billi ppreveda fir-Regolament [Nru 659/1999] [l-]Artikolu 19(1) [10]".

8 — Punt 72 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata.

9 — Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 28).

10 — *Ibidem* (punt 29). Il-Qorti Ġenerali riċentement applikat din il-ġurisprudenza:
"[...] għandu jiġi miċħud l-approċċ sostnut, essenzjalment, mill-Kummissjoni u li jikkonsisti, abbażi tal-qari tal-Artikolu 19(1) b'mod iżolat u letterali, imsemmi hawn fuq, li jallega li hija ma tieħu l-ebda deċiżjoni f'każ ta' proċedura ta' eżami ta' għajnuna eżistenti li twassal għall-aċċettazzjoni mill-Istat Membru tal-miżuri xierqa proposti [...]. Fir-rigward tal-effetti legali vinkolanti tad-deċiżjoni kkontestata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 19(1) *in fine* tar-Regolament Nru 659/1999, l-Istat Membru kkonċernat, li, matul il-pubblikazzjoni prevista fl-Artikolu 26(1) tar-Regolament Nru 659/1999, aċċetta neċessarjament il-miżuri xierqa, huwa 'marbut [...] li jimplimenta' dawn il-miżuri" (sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni, T-354/05, Ġabra p. II-471, punti 68 u 73 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

46. F’dan il-każ, nosserva li l-Kummissjoni espressament indikat, fil-punt 74 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata li, “[g]ħaldaqstant, il-Kummissjoni taċċetta l-impenji meħuda mill-awtoritjajiet Olandiżi” u li “[s]kont l-Artikolu 19 tar-Regolament [Nru 659/1999], il-Kummissjoni tirreġistra l-impenji permezz ta’ din id-deċiżjoni u għalhekk timplementa l-miżuri xierqa vinkolanti”.

47. Għalhekk nikkunsidra li, fil-kuntest tal-eżami limitat tal-interess ġuridiku, ir-rikorrenti jistgħu jistennew li jieħdu vantaġġ mill-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, naħseb li “[ma hemmx bżonn ta’] rekwiżiti eżaġerati sabiex jissussisti dan il-benefiċċju [wara l-annullament tal-att kkontestat] meta l-kundizzjonijiet ristretti tat-tieni jew tat-tielet każ tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jkunu diġà ssodisfatti[11]”. F’dan il-każ, jekk id-deċiżjoni kkontestata kellha tiġi annullata, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jkun liberu li jadotta miżuri sabiex jagħmel lis-sistema kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. L-annullament tad-deċiżjoni kkontestata jkun forma ta’ benefiċċju għar-rikorrenti. F’dawn il-kundizzjonijiet, ir-rikorrenti juru interess ġuridiku u jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005.

### B – *Applikabbiltà tal-aħħar parti tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE*

48. Fl-eżami tagħha tal-ammissibbiltà tar-rikors fir-rigward tal-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għajnuna E 2/2005, il-Qorti Ġenerali kkonstatat biss li r-rikorrenti ma kinux id-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata u ma kinux ikkonċernati individwalment. L-ewwel żewġ aggravji mressqa insostenn tal-appell jirrigwardaw biss dawn il-kunsiderazzjonijiet.

49. Nosserva li l-Qorti Ġenerali ma vverifikatx jekk id-deċiżjoni kkontestata kinitx att regolamentari li kien jirrigwarda direttament lir-rikorrenti u li ma kienx jinvolvi miżuri ta’ implementazzjoni. Fi kliem ieħor, il-Qorti Ġenerali naqset milli tagħmel l-analiżi tal-aħħar parti tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sa fejn din iżżid rimedju ġdid.

50. Għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti ma kinux, huma stess, qajmu l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali (u lanqas fir-rikors tagħhom fl-appell), tali kwistjoni hija rilevanti għall-ammissibbiltà ta’ rikors ifformulat abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u tirrigwarda l-ordni pubbliku. F’dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżaminaha *ex officio*[12], billi l-partijiet kienu ġew mistiedna jesprimu ruħhom fuq dan il-punt matul is-seduta li saret fis-17 ta’ April 2013.

#### 1. It-tielet possibbiltà offruta mill-aħħar parti tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE

51. Ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE issa jistabbilixxi li: “[k]walunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista’, taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, tressaq appell kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardha direttament u individwalment, *kif ukoll kontra att regolatorju [regolamentari] li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta’ implimentazzjoni*[13]”.

52. Għaldaqstant, l-individwu issa jista’ jitlob annullament mingħajr ma jkollu jagħti prova ta’ interess individwali iżda bil-kundizzjoni li l-att inkwistjoni jkun att regolamentari, li jirrigwardah direttament u li ma jinvolvix miżuri ta’ implementazzjoni.

11 — Ara, f’dan ir-rigward, il-punt 86 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Telefónica vs Il-Kummissjoni (C-274/12 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

12 — Ara, b’mod partikolari, is-sentenza tat-23 ta’ April 2009, Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni (C-362/06 P, Ġabra p. I-2903, punt 22).

13 — L-enfasi hija tiegħi.

a) Att regolamentari

53. Skont id-digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-18/10, li għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġabra), kull att ta' portata ġenerali ma jistax jiġi deskritt bħala "att regolamentari" fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Dan jgħodd ukoll għall-atti leġiżlattivi.

54. Għaldaqstant jirriżulta, u sa fejn it-Trattat ta' Lisbona uża, fl-Artikolu 289(3) TFUE, kriterju purament proċedurali sabiex jiddefinixxi l-atti leġiżlattivi [14], li l-Qorti Ġenerali llimitat l-atti regolamentari għall-atti biss ta' portata ġenerali li ma humiex adottati bi proċedura leġiżlattiva.

55. L-imsemmi digriet tal-Qorti Ġenerali ġie appellat [15]. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma tatx id-deċiżjoni tagħha, l-Avukat Ġenerali Kokott tikkonferma fil-konklużjonijiet tagħha l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali [16].

56. Għalkemm nista' naqbel ma' diversi argumenti ta' natura storika jew ta' natura testwali li tressaq l-Avukat Ġenerali Kokott, ma naħsibx li wieħed jista' jiddeduċi mill-użu tal-kliem "atti leġislattivi" fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sens kuntrarju, fir-rigward ta' atti ta' portata ġenerali, għall-espressjoni "att regolamentari" tar-raba' paragrafu ta' dan l-artikolu. Fil-fatt, l-oppost ta' att leġiżlattiv ma huwiex neċessarjament l-att regolamentari, iżda pjuttost att ta' implementazzjoni, liema kliem huwa espressament użat fl-Artikolu 291 TFUE [17].

57. Barra minn hekk, sabiex jikkwalifika l-atti li ma humiex leġiżlattivi, it-Trattat FUE ma jużax il-kelma "regolamentari", iżda jsemmi, fl-Artikolu 297(2) TFUE, "atti mhux leġislattivi".

58. Fi kwalunkwe każ, din l-interpretazzjoni, mhux talli ma hijiex sostnuta b'mod unanimu fid-duttrina, iżda talli ma jidhirlix li twieġeb il-preokkupazzjonijiet li wasslu għall-emenda tal-Artikolu 230 KE. Il-paradoss l-iktar emblematiku f'dan ir-rigward mingħajr dubju jinsab fil-fatt li, skont l-interpretazzjoni restrittiva proposta mill-Qorti Ġenerali, il-kawża Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill [18] tirriżulta mill-ġdid fl-inammissibbiltà tal-appell, minkejja li kkawżat it-tibdil.

59. Barra minn hekk, ma jistax jiġi aċċettat, kif jaħsbuha ċerti awturi li jiffavorixxu interpretazzjoni restrittiva, li d-domanda preliminari tikkostitwixxi dejjem mekkaniżmu suffiċjenti sabiex tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Kienu dan kien il-każ, ma kienx ikun hemm il-bżonn li jiġi emendat l-Artikolu 230 KE, fejn l-inkonvenjenti tiegħu bħala prinċipju jibqgħu hemm jekk wieħed jikkunsidra li l-atti leġiżlattivi huma esklużi mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

14 — Skont l-Artikolu 289(3) TFUE: "[l]-atti legali adottati bil-proċedura leġislattiva jikkostitwixxu atti leġislattivi".

15 — Sentenza Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

16 — Konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali Kokott fis-17 ta' Jannar 2013 fil-kuntest tal-appell mid-digriet Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, iċċitat iktar 'il fuq.

17 — Skont l-Artikolu 291(1) TFUE: "[l]-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha tad-dritt nazzjonali meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti". It-tieni paragrafu jistabbilixxi li: "[m]eta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' l-atti ta' l-Unjoni legalment vinkolanti, dawn l-atti jistgħu jagħtu l-kompetenzi ta' implimentazzjoni lill-Kummmissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi [...], lill-Kunsill". Fi kwalunkwe każ, ir-raba' paragrafu jistabbilixxi li "[i]l-kelma 'implimentazzjoni' għandha tiddaħħal fl-atti ta' l-implimentazzjoni".

18 — Sentenza tal-25 ta' Lulju 2002 (C-50/00 P, Ġabra p. I-6677).

60. Hemm uħud li jsostnu, madankollu, li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE mela l-lakuni eżistenti. Dan ma huwiex minnu. Fil-fatt dan l-artikolu huwa biss il-konsagrazzjoni formali ta' prinċipju stabbilit, bl-istess kliem, mill-Qorti tal-Ġustizzja stess fis-sentenza tagħha Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq [19]. It-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE għalhekk ma żied xejn mad-dritt eżistenti. Mill-ġdid, kienu dak kien il-każ, l-emenda għall-Artikolu 230 KE l-antik kienet tkun għal xejn.

61. Fl-aħħar nett, hija l-fehma tiegħi li d-dmir tal-kooperazzjoni leali ma jistax jiġi estiż sabiex jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li joħolqu aċċess għal qorti nazzjonali meta ma hemm l-ebda att tal-Istat inkwistjoni. Barra minn hekk, huwa sorprendenti li wieħed jara li fost dawk li jinvokaw it-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE sabiex l-Istati jkollhom l-obbligu li jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-individwi, xi wħud minnhom malajr jinvokaw, min-naħa l-oħra, l-assenza ta' rimedji nazzjonali kontra l-atti leġiżlattivi tal-Istat fil-maġġoranza tal-Istati Membri sabiex jilleġittimaw l-istess assenza fil-livell tal-Unjoni. Ma huwiex paradossali li jiġi kkunsidrat normali li t-Trattat ma jawtorizzax lill-individwi milli jaġixxu kontra l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni għaliex maġġoranza ta' Stati ma jawtorizzawx dan kontra l-liġijiet tagħhom, filwaqt li jiġi impost fuq l-istess Stati li dan jagħmluh, anki għalkemm b'mod indirett, għall-atti tal-Unjoni?

62. Lanqas ma jidhirli li huwa raġonevoli li jiġi kkunsidrat li l-protezzjoni ġudizzjarja ssir effettiva għaliex ikun teoretikament possibbli, għal individwu, li jistaqsi lill-amministrazzjoni nazzjonali tiegħu fuq l-applikabbiltà ta' att leġiżlattiv tal-Unjoni għas-sitwazzjoni personali tiegħu, u dan fit-tama li jirċievi tweġiba li jkun jista' jikkontesta f'qorti li min-naħa tagħha tkun tista' tressaq talba għal deċiżjoni preliminari. Kif jista' wieħed ma jiddubitax mill-effettività reali ta' tali kostruzzjonijiet teoretiċi bbażati fuq l-eżistenza ta' att li ma għandu l-ebda raġuni oħra biex jeżisti ħlief li jkun jista' jiġi kkontestat u għalhekk jidher purament artifiċjali? Barra minn hekk, x'jiġri jekk l-awtorità nazzjonali ma tirrispondix?

63. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma kinitx iggarantita meta individwu ma kellux għażla oħra ħlief li jikser id-dritt sabiex iwassal lill-awtorità nazzjonali kompetenti sabiex tagħmel att ta' implementazzjoni li jwasslu sabiex ikollu jiddefendi lilu nnifsu f'qorti li tista' tagħmel domanda preliminari [20]. Liema raġunijiet jiġġustifikaw li jaġixxi mod ieħor meta l-awtorità nazzjonali, bħala prinċipju, ma jkollha għalfejn tadotta l-ebda att?

64. L-interpretazzjoni tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE li teskludi l-atti leġiżlattivi jidhirli, għalhekk, li hija restrittiva wisq u ma tweġibx għar-raġunijiet li mmotivaw l-emenda tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 230 KE.

65. Għaldaqstant, din l-osservazzjoni twassalni sabiex nippreferi interpretazzjoni oħra tal-att regolamentari fis-sens tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fehma tiegħi, l-att regolamentari għandu jiġi interpretat bħala att ta' portata ġenerali, kemm jekk ikun leġiżlattiv jew le.

19 — Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, fil-punt 41 ta' din is-sentenza:

"Għaldaqstant, huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu sistema ta' rimedji legali u proċeduri li jippermettu li jiġi assigurat ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġurdika effettiva".

20 — Sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (C-432/05, Ġabra p. I-2271, punt 64).

b) Li jirrigwarda direttament lir-rikorrent

66. Għalkemm il-kundizzjoni li wieħed ikun ikkonċernat individwalment tgħib fit-tielet għażla ta' rikors għal annullament, dik marbuta mal-interess dirett tinżamm. Il-portata tagħha ma tidhirx li tqajjem diffikultà: l-kunċett ta' interess dirett huwa identiku fit-tieni u t-tielet ipoteżijiet fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE [21].

67. Għalhekk dan ifisser, skont ġurisprudenza stabbilita fuq ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li persuna fiżika jew persuna ġuridika hija direttament ikkonċernata b'att tal-Unjoni jekk din il-miżura toħloq "direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' l-individwu u ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji tagħha li għandhom jimplementawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra" [22].

68. Il-Qorti tal-Ġustizzja wkoll kellha l-okkażjoni li tippreċiża, f'dan ir-rigward, li l-assenza ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri teqred l-assenza apparenti tar-rabta diretta bejn att tal-Unjoni u l-litigant. Fi kliem ieħor, sabiex tipprekludi l-interess dirett, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-awtur tal-att intermedjarju sabiex jitwettaq l-att tal-Unjoni ma jistax ikun purament formali. Għandu jkun is-sors tal-interess ġuridiku tar-rikorrent [23].

c) Li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni

69. Għalhekk jonqos sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-aħħar parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, jiġifieri l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni. Din hija t-tielet kundizzjoni jew sempliċi spjegazzjoni tal-interess dirett?

70. Sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex okkażjoni tiddeċiedi fuq dan. Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna illegali u li tordna l-irkupru tagħha "ma tistax tiġi kklassifikata bħala att li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni [sa fejn] l-Artikolu 6(2) tad-deċiżjoni kkontestata jsemmi l-eżistenza ta' 'miżuri nazzjonali meħuda sabiex tiġi implimentata sakemm l-irkupru tal-għajnuna mogħtija taħt l-iskema [kkontestata] ikun lest'. L-eżistenza stess ta' dawn il-miżuri ta' rkupru, li jikkostitwixxu miżuri ta' implementazzjoni, tiġġustifika li d-deċiżjoni kkontestata tkun ikkunsidrata bħala att li jinvolvi miżuri ta' implementazzjoni. Fil-fatt, dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-qorti nazzjonali mid-destinatarji tagħhom [24]".

71. F'din il-kawża, il-Qorti Ġenerali ċaħdet lill-kumpannija rikorrenti d-dritt li titlob l-annullament fuq il-bażi tat-tkabbir previst mit-Trattat ta' Lisbona għaliex, skont hi, ikun hemm neċessarjament miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali.

21 — Din hija l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali. Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ottubru 2011, Microban International u Microban (Europe) vs Il-Kummissjoni (T-262/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 32). Din ukoll hija l-fehma li tiddefendi l-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawżi ċċitati iktar 'il fuq Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (punt 69) kif ukoll Telefónica vs Il-Kummissjoni (punt 59). Fid-duttrina, ara, fost l-oħrajn, A. Albors-Llorens, "Sealing the fate of private parties in annulment proceedings? The General Court and the new standing test in article 263(4) TFEU", *The Cambridge Law Journal*, 2012, Vol. 71, p. 52 sa 55; C. Werkmeister, St. Pötters, u J. Traut, "Regulatory Acts within Article 263(4) TFEU – A dissonant Extension of Locus Standi for Private Applicants", Cambridge yearbook of European legal studies, Vol. 13, 2010-2011, p. 311 sa 332, speċjalment p. 329.

22 — Sentenza tat-13 ta' Marzu 2008, Il-Kummissjoni vs Infront WM (C-125/06 P, Ġabra p. I-1451, point 47).

23 — Għall-applikazzjoni tal-prinċipju, ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke FrieslandCampina (C-519/07 P, Ġabra p. I-8495, punti 48 u 49).

24 — Sentenza tat-8 ta' Marzu 2012, Iberdrola vs Il-Kummissjoni (T-221/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, punt 46). Ara, wkoll, id-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012, Telefónica vs Il-Kummissjoni (T-228/10, punt 42). Bħalissa hemm pendenti appell kontrih (Kawża C-274/12 P, iċċitata iktar 'il fuq).

72. Nikkunsidra li interpretazzjoni bħal din tnaqqas eċċessivament l-effetti taż-żieda li saret mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE lill-ex Artikolu 230 KE għaliex huwa dejjem possibbli li wieħed jimmaġina miżura ta' implementazzjoni nazzjonali ta' att regolatorju tal-Unjoni Ewropea, bħal pubblikazzjoni, notifika, konferma jew tfakkir. Issa skont l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali, dawn is-sempliċi formalitajiet li jistgħu jkunu imprevedibbli jew fakultattivi, għandhom iwasslu sabiex dan l-artikolu ma jiġix applikat.

73. Jidhirli, barra minn hekk, li interpretazzjoni bħal din tmur kontra l-għan mixtieq minn min abbozza t-Trattat. Kif fakkret l-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Telefónica vs Il-Kummissjoni, "[i]ż-żieda tal-kliem 'ma jkunx jinvolvi [ma jinvolvix] miżuri ta' implementazzjoni', intiża sabiex tillimita l-estensjoni tad-dritt ta' azzjoni tal-individwi biss għall-każijiet fejn l-individwu 'għandu l-ewwel jikser id-dritt sabiex wara jkun jista' jkollu aċċess quddiem qorti'[25]".

74. Jiena naqbel ukoll mal-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Kokott li l-"il-kundizzjoni meħtieġa li ssemmi l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni ta' att regolatorju għandha tinftiehem fis-sens li l-att [...] jipproduċi l-effetti tiegħu direttament fuq l-individwi mingħajr ma jirrikjedi miżuri ta' implementazzjoni[26]". Fil-fatt din hija definizzjoni identika għal dik ta' interess dirett[27].

75. Għalhekk, jiena tal-fehma li għandu jiġi eskluż il-kliem "miżuri ta' implimentazzjoni" li tuża l-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE mill-isfera nazzjonali sabiex jiġu limitati għad-dritt tal-Unjoni jew, għall-inqas, jiġu esklużi minn dan il-kunċett il-miżuri adottati mill-awtoritajiet nazzjonali mingħajr setgħa diskrezzjonali. Fil-fatt, kif spjegajt qabel, l-assenza ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri jeqred l-assenza apparenti tar-rabta diretta bejn att tal-Unjoni u l-litigant.

76. Bħala konklużjoni, nikkunsidra li l-kundizzjoni marbuta mal-assenza ta' miżura ta' implementazzjoni hija biss ripetizzjoni tal-interess dirett[28].

77. Din l-interpretazzjoni jidhirli li hija saħansitra iktar rilevanti fir-rigward ta' għajnuna mill-Istat peress li, skont ġurisprudenza kostanti, it-tneħħija ta' għajnuna illegali permezz tal-irkupru hija l-konsegwenza loġika tal-konstatazzjoni tal-illegalità tagħha[29]. L-uniku motiv ta' difiża li jista' jiġi invokat minn Stat Membru kontra rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 108(2) TFUE huwa dak ibbażat fuq impossibbiltà assoluta li tiġi implementata korrettament id-deċiżjoni inkwistjoni[30]. Għaldaqstant, il-miżuri ta' rkupru meħuda mill-Istat Membru jkunu biss, f'ċertu sens, aċċessorji neċessarji tad-deċiżjoni kkontestata.

78. L-interpretazzjoni proposta toffri wkoll il-vantaġġ li tiċċentralizza l-kwistjonijiet legali kollha fuq l-għajnuna mill-Istat fil-qrati tal-Unjoni Ewropea. Jidhirli li ċentralizzazzjoni bħal din hija ta' benefiċċju doppju. Minn naħa, billi tneħħi l-kwistjoni tal-interess individwali u billi tawtorizza l-benefiċjarji potenzjali ta' għajnuna jew il-kompetituri ta' impriża benefiċjarja tal-għajnuna jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni direttament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din issaħħaħ iċ-ċertezza legali. Fil-fatt, din twarrab l-inċertezza marbuta mal-ġurisprudenza TWD Textilwerke Deggendorf li imponiet li tiġi solvuta preliminarjament il-kwistjoni tal-interess individwali għaliex inkella domanda

25 — Iċċitati iktar 'il fuq (punt 40).

26 — *Ibidem* (punt 41).

27 — Ara d-definizzjoni ta' interess dirett li tat l-Avukat Ġenerali Kokott fil-punt 59 tal-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Telefónica vs Il-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq.

28 — Ara d-definizzjoni tal-interess dirett mogħti fil-punt 67 ta' dawn il-konklużjonijiet. Ara, f'dan is-sens, A. Creus, "Commentaire des décisions du Tribunal dans les affaires T-18/10-Inuit u T-262/10-Microban", *Cahiers de droit européen*, 2011, p. 659, speċjalment p. 677; kif ukoll S. Peers u M. Costa, "Judicial review of EU Acts after the Treaty of Lisbon; Order of 6 September 2011, Case T-18/10 Inuit Tapiriit Kanatami and Others v. Commission & Judgment of 25 October 2011, Case T-262/10 Microban v. Commission", *European Constitutional Law Review*, 2012, Vol. 8, p. 82 sa 104, speċjalment p. 96.

29 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-14 ta' April 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-331/09, Ġabra p. I-2933, punt 54).

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-304/09, Ġabra p. I-13903, punt 35).

preliminari sussegwenti tista' tiġi ddikjarata inammissibbli[31]. Min-naħa l-oħra, din tneħħi l-ħtieġa li titressaq kawża nazzjonali sabiex tasal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domanda preliminari. Fi kliem ieħor, din tawtorizza proċedura iktar diretta, u allura iktar effettiva, iktar mgħaġġla u iktar ekonomika.

79. Fl-aħħar nett nistaqsi, b'mod iktar ġenerali, fuq x'utilità hemm li wieħed jiddistingwi l-kundizzjoni tal-interess dirett mill-preċiżjoni dwar l-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni. Fil-fatt, kif jista' wieħed jimmaġina li individwu jista' jiġi ppreġudikat direttament b'att tal-Unjoni jekk dan jirrikjedi miżura ta' implementazzjoni reali, kemm jekk tkun Ewropea jew nazzjonali, filwaqt li, skont ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex att tal-Unjoni jikkonċerna direttament lil individwu, dan għandu joħloq "direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali ta' l-individwu [...] [, fejn l-implementazzjoni tiegħu] [...] tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni Komunitarja, mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra[32]"?

2. Applikazzjoni f'dan il-każ

80. Id-deċiżjoni kkontestata hija deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara żewġ skemi ta' għajnuna (skema ta' għajnuna eżistenti u skema ta' għajnuna ġdida) kompatibbli mal-Artikolu 106(2) TFUE u s-suq komuni.

81. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat, l-ewwel nett, il-kompatibbiltà tal-għajnuna E 2/2005 dwar is-sistema ta' finanzjament tal-wocos, kif emendata wara impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi. Sussegwentement hija analizzat l-iskema l-ġdida dwar l-għajnuna N 642/2009.

82. Għalhekk irid jiġi ddeterminat jekk dan l-att, indirizzat mill-Kummissjoni lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwiex, minn naħa, att regolamentari, u jekk, min-naħa l-oħra, jikkonċernax direttament, mingħajr miżura ta' implementazzjoni, lir-rikorrenti.

a) Id-deċiżjoni kkontestata hija att regolamentari?

83. Għalkemm huwa minnu li d-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata skont proċedura mhux leġiżlattiva, il-Kummissjoni tikkontesta l-portata ġenerali tal-att. Billi dan kien ġie indirizzat esklużivament lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, seta' jkollu biss portata individwali.

84. Il-kwistjoni tal-portata ta' deċiżjoni indirizzata lil Stat Membru ġiet eżaminata reċentement fil-fond u b'mod rilevanti, fil-kawża Telefónica vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, mill-Avukat Ġenerali Kokott[33].

85. Jiena naqbel mal-idea tagħha li tali deċiżjoni hija partikolari sa fejn l-Istati Membri jinkorporaw ukoll ordinament ġuridiku nazzjonali u li d-deċiżjonijiet li huma indirizzati lejhom jorbtu lill-korpi kollha tagħhom. Għalhekk, l-Avukat Ġenerali Kokott tippreċiża li "[a]nki jekk huma għandhom destinatarju wieħed biss, id-deċiżjonijiet indirizzati lil Stat Membru jistgħu għalhekk isawru l-ordni ġuridiku nazzjonali u jkollhom b'dan il-mod portata ġenerali[34]".

31 — Sentenza tad-9 ta' Marzu 1994 (C-188/92, Ġabra p. I-833). Fil-punt 17 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-eżiġenzi taċ-ċertezza legali jwasslu għall-esklużjoni tal-possibbiltà, għall-benefiċjarju ta' għajnuna, is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 93 tat-Trattat, li seta' jikkontesta din id-deċiżjoni u li ħalla jgħaddi t-terminu tassattiv stabbilit f'dan ir-rigward mit-tielet paragrafu tal-Artikolu 173 tat-Trattat, li tiġi ddubitata l-legalità tagħha quddiem il-qrati nazzjonali f'rikors imressaq kontra l-miżuri ta' implementazzjoni ta' din id-deċiżjoni, meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali."

32 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Infront WM, iċċitata iktar 'il fuq (punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 — *Ibidem* (punti 21 sa 29).

34 — *Ibidem* (punt 25).

86. Il-Qorti tal-Ġustizzja stess diġà rrikonoxxiet, ukoll f'ċerti każijiet, portata ġenerali għal din it-tip ta' deċiżjoni[35], u partikolarment fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat. Skont ġurisprudenza stabbilita, li anki l-Qorti Ġenerali fakkret fid-digriet ikkontestat, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna fil-fatt hija kkunsidrata, għall-benefiċjarji potenzjali tal-iskema ta' għajnuna, bħala miżura ta' portata ġenerali li tapplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati oġġettivament u li għandha effetti ġuridiċi fir-rigward ta' kategorija ta' persuni kkunsidrati b'mod ġenerali u astratt. Għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha, għall-benefiċjarji potenzjali ta' skema ta' għajnuna, in-natura ta' miżura ta' "portata ġenerali[36]". Din hija preċiżament ir-raġuni għaliex, bħala prinċipju, dawn il-benefiċjarji ma humiex ikkunsidrati bħala individwalment ikkonċernati. F'dan il-każ nikkunsidra li l-istess raġunament jista' jiġi applikat għal deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999 iċċitat iktar 'il fuq u li biha hija tqis l-impenji meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali u tiddikjara kompatibbli mas-suq komuni l-emendi magħmula lil skema ta' għajnuna eżistenti.

87. Sa fejn l-iskema ta' għajnuna emendata tista' tiġi applikata għal sitwazzjonijiet iddeterminati oġġettivament u jkollha effetti legali fir-rigward ta' kategorija ta' persuni kkunsidrati b'mod ġenerali u astratt, l-istess jgħodd għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizzaha. Kuntrarjament għall-opinjoni li tat il-Kummissjoni, f'dan ir-rigward ma narax ir-raġuni għalfejn għandha ssir distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet li jawtorizzaw skema ta' għajnuna u dawk li jipprojbixxuha.

88. Għaldaqstant, kemm jekk tiġi segwita l-interpretazzjoni wiesgħa jew dik restrittiva tal-kunċett ta' att regolamentari, id-deċiżjoni kkontestata, bħala att ta' portata ġenerali adottat skont proċedura mhux leġiżlattiva, tissodisfa l-ewwel kundizzjoni stabbilita fl-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

b) Ir-rikorrenti huma milquta direttament mingħajr miżura ta' implementazzjoni?

89. Fir-risposta tagħha għall-mistoqsija bil-miktub, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri ta' implementazzjoni huma meħtieġa sabiex iwettqu d-deċiżjoni kkontestata. Hija ssemmi mhux biss id-digriet ministerjali u l-liġi fil-punt 41 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, iżda ssemmi wkoll regolament temporanju tat-3 ta' Novembru 2010 fuq is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali pprovduti mill-kumpanniji ta' akkomodazzjoni miftiehma (ippubblikat fin-*Nederlandse Staatcourant* Nru 17515, tat-8 ta' Novembru 2010).

90. L-eżistenza ta' miżuri ta' implementazzjoni ma tistax tiġi miċħuda. Dawn huma inerenti fil-proċedura dwar l-iskemi ta' għajnuna eżistenti kif organizzati mir-Regolament Nru 659/1999. Fil-fatt, l-Artikolu 19(1) tiegħu jippreċiża espressament li, meta l-Istat Membru jaċċetta l-miżuri proposti mill-Kummissjoni, huwa jinformaha dwar dan. Il-Kummissjoni tieħu nota ta' dan u l-Istat Membru jkun "marbut bl-aċċettazzjoni tagħha li jimplimenta l-miżuri xierqa".

91. Madankollu, kif għedt iktar 'il fuq, nikkunsidra li l-kundizzjoni marbuta mal-assenza ta' miżuri ta' implementazzjoni hija biss ripetizzjoni tal-interess dirett u, sabiex dan tal-aħħar ma jkunx jeżisti, id-diskrezzjoni tal-awtorità li għandha tieħu l-miżura ta' implementazzjoni ma tistax tkun purament formali.

92. Kif spjegajt diġà fil-kuntest tal-eżami tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 659/1999, din ma tħalli l-ebda marġni ta' diskrezzjoni lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

35 — Ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Carp (C-80/06, Ġabra p. I-4473, punt 21), u d-digriet tat-8 ta' April, Saint-Gobain Glass Deutschland vs Il-Kummissjoni (C-503/07 P, Ġabra p. I-2217, punt 71).

36 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-298/00 P, Ġabra p. I-4087, punt 37).

93. Skont din id-dispożizzjoni, l-emendi li jagħmlu s-sistema kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jsiru vinkolanti biss meta jiġu aċċettati mill-Kummissjoni. Din indikat wkoll, fil-punt 74 tal-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, li hija "taċċetta l-impenji meħuda mill-awtoritajiet Olandiżi" u li "skont l-Artikolu 10 tar-Regolament [Nru 659/1999] hija tirreġistra l-impenji meħuda permezz ta' din id-deċiżjoni u għalhekk tagħmel l-implementazzjoni tal-miżuri xierqa vinkolanti". Din l-affermazzjoni hija ripetuta fid-dispożittiv tad-deċiżjoni (fil-punt 108 tagħha).

94. Il-Kummissjoni invokat l-idea li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi żamm marġni ta' diskrezzjoni wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata billi baqa' dejjem liberu li jirrinunzja definittivament għall-iskema ta' għajnuna inkwistjoni. Jiena ma naqbilx peress li, fid-dawl tal-fatt li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ppropona lill-Kummissjoni l-emendi li saru obbligatorji bid-deċiżjoni kkontestata, il-possibbiltà li jiddeċiedi li ma jżommx l-iskema ta' għajnuna kienet purament teoretika. Għall-kuntrarju, ma kienx hemm dubju dwar ir-rieda tal-awtoritajiet Olandiżi li japplikaw id-deċiżjoni [37].

95. Għall-kuntrarju ta' dak li tafferma l-Kummissjoni, ir-rikorrenti jindikaw fit-tweġiba tagħhom għall-mistoqsijiet bil-miktub li ma teżisti l-ebda miżura li huma jistgħu jikkontestaw quddiem qorti nazzjonali. L-affermazzjoni ġiet irripetuta b'mod kategoriku matul is-seduta: fil-preżenza ta' att ta' portata ġenerali ta' natura vinkolanti, bħall-Artikolu 4 tar-regolament temporanju tat-3 ta' Novembru 2010 fuq is-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali pprovduti mill-kumpanniji ta' akkomodazzjoni miftiehma, ma hemm l-ebda rimedju disponibbli għall-individwu fl-ordinament ġuridiku nazzjonali.

96. Barra minn hekk, l-obbligu li 90 % tal-akkomodazzjoni tiġi allokata lil persuni li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx ċertu ammont, li jiġi mtenni fl-Artikolu 4 tar-regolament nazzjonali msemmi iktar 'il fuq, ma jeħtieġ l-ebda deċiżjoni oħra. Għall-kuntrarju, huwa biss il-ksur ta' din ir-regola li jista' jikkawża reazzjoni mill-awtorità, bħal pereżempju r-rifjut li tingħata l-għajnuna inkwistjoni. F'dan ir-rigward, nixtieq ma nsegwix ir-rekwiżit tal-Kummissjoni li neċessarjament irid ikun hemm riskju ta' proċeduri kriminali sabiex wieħed ikun fil-kuntest tal-ġurisprudenza Unibet, iċċitata iktar 'il fuq. Tkun xi tkun is-sanzjoni mogħtija, skema bħal din ma twieġeb fl-ebda każ għall-ħtieġa ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

97. F'dawn iċ-ċirkustanzi, iċ-ċaħda tad-dritt li jintalab annullament tad-deċiżjoni kkontestata jidhirli li ġġib il-konsegwenza, għar-rikorrenti, ta' nuqqas ta' protezzjoni ġudizzjarja.

98. Għaldaqstant nikkunsidra li d-deċiżjoni kkontestata tikkonċerna direttament lir-rikorrenti u ma tinvolvix miżuri ta' implementazzjoni skont l-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE sa fejn toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrenti u ma tħalli l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarju inkarigat mill-implementazzjoni tagħha, jiġifieri r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

99. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din l-aħħar parti tar-raba' paragrafu jidher li huma, b'hekk, sodisfatti u l-Qorti Ġenerali kellha tilqa' r-rikors tar-rikorrenti abbażi ta' din id-dispożizzjoni. Meta ddikjaratu inammissibbli, hija wettqet, fl-opinjoni tiegħi, żball ta' liġi.

### C – *Fuq l-ewwel u t-tieni aggravju, dwar il-ħtieġa li wieħed ikun individwalment ikkonċernat bl-att ikkontestat*

100. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-kundizzjonijiet tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma ġewx sodisfatti, ikun hemm lok li jiġu eżaminati l-ewwel żewġ aggravji mressqa mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005.

37 — Għall-evalwazzjoni simili tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar talba għal miżuri ta' salvagwardja mressqa minn Franza (kwota għall-importazzjoni), ara s-sentenza tas-17 ta' Jannar 1985, Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni (11/82, Ġabra p. 207, punt 9).

101. Iż-żewġ aggravji jirrigwardaw l-applikazzjoni f'dan il-każ, mill-Qorti Ġenerali, tal-kundizzjoni li jkunu "individwalment ikkonċernati" bid-deċiżjoni kkontestata. Jiena ser nanalizzahom flimkien.

1. Kunċett

102. Il-kundizzjoni tal-interess individwali fil-kuntest ta' rikors għal annullament huwa, mingħajr dubju wieħed mill-iktar kunċetti diffiċli biex jiġi analizzat. Mis-sentenza Plaumann vs Il-Kummissjoni, teżisti ġurisprudenza stabbilita li ttenni li "persuni li mhumiex id-destinatarji ta' deċiżjoni ma jistgħux jallegaw li huma kkonċernati individwalment ħlief fil-każ li din id-deċiżjoni tolqothom minħabba ċerti kwalitajiet li huma partikolari għalihom jew minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizz[a]hom fil-konfront ta' kull persuna oħra u, minħabba dan il-fatt, tindividwalizz[a]hom b'mod analogu għal dak [dik] li jinsab fih[a] id-destinatarju[38]".

103. Madankollu, il-portata tal-prinċipju ġiet, madankollu, imtaffija. Għaldaqstant, il-fatt li dispożizzjoni tkun, minħabba n-natura u l-portata tagħha, dispożizzjoni ġenerali fis-sens li tapplika b'mod ġenerali għall-operaturi ekonomiċi interessati kollha ma jeskludix madankollu li tista' tikkonċerna lil xi wħud minnhom individwalment. Dan ikun il-każ meta "deċiżjoni tolqot grupp ta' persuni li kienu identifikati jew setgħu jiġu identifikati fil-mument meta ttieħed dan l-att u *abbażi ta' kriterji partikolari* għall-membri ta' dan il-grupp [...] [Fil-fatt,] dawn il-persuni jistgħu jkunu kkonċernati individwalment minn dan l-att minħabba li jagħmlu parti minn grupp limitat ta' operaturi ekonomiċi[39]". Għall-Qorti tal-Ġustizzja "dan jista' jsir b'mod partikolari meta d-deċiżjoni tbiddel id-drittijiet miksuba mill-individwu qabel l-adozzjoni tagħha[40]".

104. Għall-kuntrarju, dan ma huwiex il-każ meta huwa stabbilit li "[l-applikazzjoni ta' miżura għal persuni fejn in-numru jew l-identità tagħhom jistgħu jiġu ddeterminati ftit jew wisq bi preċiżjoni] ssir *abbażi ta' sitwazzjoni oġġettiva* ta' dritt jew ta' fatt iddefinita mill-att inkwistjoni[41]".

2. Evalwazzjoni

105. Għalhekk jirriżulta minn din il-ġurisprudenza li l-individwalizzazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, tiddependi mill-aspett suġġettiv, jew għall-kuntrarju oġġettiv, tal-kriterju li jippermetti d-determinazzjoni tal-membri tal-grupp.

106. Fid-digriet ikkontestat, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li r-rikorrenti ma kinux ikkonċernati individwalment għaliex il-kwalità tal-wocos ingħatat skont kriterji oġġettivi li setgħu jissodisfaw numru indeterminat ta' operaturi bħala benefiċjarji potenzjali tal-għajnuna E 2/2005 msemmija fid-deċiżjoni kkontestata.

107. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ġustament tgħid, fil-punt 31 tad-digriet ikkontestat, li "l-attribuzzjoni tal-kwalità ta' wocos tissodisfa kriterji oġġettivi. Fil-fatt [...] il-kwalità ta' wocos tingħata b'sistema ta' ftehim stabbilit fl-Artikolu 70(1) tal-liġi fuq l-akkomodazzjoni tal-1901 (Woningwet). Dan il-ftehim ingħata b'deċiżjoni rjali lill-istituzzjonijiet li kienu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet oġġettivi: li jkun

38 — Sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, Ġabra p. 197, 223). Iktar reċenti, ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Infront WM (punt 70) kif ukoll Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni (punt 26).

39 — Sentenza Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30). L-enfasi hija tiegħi. Ara, wkoll, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punt 60). Fis-sentenza tat-18 ta' Novembru 1975, CAM vs Il-KEE (100/74, Ġabra p. 1393, punt 18), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li l-att ikkontestat kien jirrigwarda "numru ddeterminat ta' operaturi identifikati *minħabba aġir individwali*" li għamlu jew suppost għamlu (l-enfasi hija tiegħi).

40 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Infront WM, iċċitata iktar 'il fuq (punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 — *Ibidem* (punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-enfasi hija tiegħi.

hemm il-forma ġuridika ta' assoċjazzjoni jew ta' fondazzjoni, mingħajr skop ta' lukru, li jkun hemm bħala oġġettiv uniku attività fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali u li l-patrimonju tagħhom jintuża fl-interess tal-akkomodazzjoni soċjali. Il-wocos għalhekk jikkostitwixxu kategorija ta' persuni kkunsidrati b'mod ġenerali u astratt."

108. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ġustament li r-rikorrenti kienu kkonċernati bid-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005, l-istess bħal kull operatur ekonomiku ieħor li jkun, attwalment jew potenzjalment, f'sitwazzjoni identika.

109. Għaldaqstant, jiena nikkunsidra li l-ewwel aggravju mqajjem mir-rikorrenti ma huwiex fondat.

110. Madankollu, jiena iktar attent għal dak li jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-(in)eżistenza ta' ċirku magħluq ta' istituzzjonijiet li n-numru jkun identifikat jew identifikabbli. Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma s-suġġett tat-tieni aggravju.

111. Skont il-Qorti Ġenerali, il-ġurisprudenza invokata mir-rikorrenti ma setgħetx tiġi applikata f'dan il-każ sa fejn, fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni kif ukoll Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni, ir-rikorrenti kienu jappartjenu għal grupp li ma setax jiżdied wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet inkwistjoni.

112. Kif fakkart iktar 'il fuq[42], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li grupp ta' persuni seta' jkun individwalment ikkonċernat b'att meta dawn jkunu "identifikati jew setgħu jiġu identifikati fil-mument meta ttieħed dan l-att u abbażi ta' kriterji partikolari għall-membri ta' dan il-grupp [...][43]".

113. Hija din il-ġurisprudenza li kienet ġiet applikata fis-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni kif ukoll Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni[44]. F'din l-aħħar kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li ASBL Forum 187 kienet ammessa li taġixxi ġudizzjarjament għaliex tirrappreżenta ċentri ta' koordinazzjoni kkonċernati individwalment bl-att kkontestat. L-att inkwistjoni kien deċiżjoni tal-Kummissjoni li ddikjarat skema fiskali Belġjana ta' għajnuna mill-Istat eżistenti inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-att kellu bħala effett li jillimita t-tul tal-ftehim taċ-ċentri ta' koordinazzjoni li kien iġġedded matul is-snin 2001 u 2002. Dawn it-tletin ċentru kienu perfettament identifikabbli fil-mument meta d-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata. Barra minn hekk, id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx stabbilixxiet miżuri tranżitorji favur ċentri ta' koordinazzjoni fejn il-ftehim kien jiskadi flimkien man-notifika ta' din id-deċiżjoni u meta t-talba għal ftehim kienet pendenti f'dik id-data. Għall-Qorti tal-Ġustizzja, dawn it-tmien ċentri oħra kienu jikkostitwixxu ċirku magħluq speċjalment affettwat bid-deċiżjoni sa fejn ma setgħux jiksbu iktar it-tiġdid tal-ftehim[45].

114. Bħal f'din il-kawża, din kienet deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat eżistenti. Huwa minnu li hija imponiet emenda għall-iskema għall-futur mingħajr ma ordnat ħlas lura, filwaqt li d-deċiżjoni kkontestata kkunsidrat l-iskema, kif emendata, li tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, din id-differenza fattwali ma jidhirlix li kienet determinanti fl-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors.

115. Fil-fatt, sabiex ir-rikors ippreżentat minn ASBL Forum 187 jitqies ammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, minn naħa, iċ-ċentri ta' koordinazzjoni li l-ftehim tagħhom kien iġġedded fl-2001 jew fl-2002, u, min-naħa l-oħra, dawk li t-talba tagħhom kienet pendenti fil-mument meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ġiet innotifikata.

42 — Ara l-punt 103 ta' dawn il-konklużjonijiet.

43 — Sentenza Sahlstedt *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30).

44 — Ara l-punt 31 tas-sentenza Piraiki-Patraiki *et* vs Il-Kummissjoni kif ukoll il-punt 60 tas-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni.

45 — Ara s-sentenza Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (punti 61 sa 63).

116. Għalkemm dehru bħala għanijiet, dawn il-kriterji kienu ġew ikkunsidrati mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala suġġettivi, jiġifieri, skont l-ispjegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li jappartjenu għall-membri tal-grupp ikkonċernat. Fi kwalunkwe każ, dawn ma humiex fundamentalment differenti minn dawk li jolqtu r-rikorrenti f'din il-kawża. Fil-fatt, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kienu ġew indikati b'digriet irjali 410 wocos. Id-deċiżjoni kkontestata, li biha l-Kummissjoni approvat il-proposti ta' emenda fformulati mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, neċessarjament timplika li l-wocos inkwistjoni, u huma biss, mhux bilfors igawdu mill-istess vantaġġi bħal dawk miksuba taħt is-sistema l-qadima u li wasslet sabiex tiskadi (bħall-għajbien tal-garanzija tas-self). Il-fatt li wocos oħra setgħu jiġu approvati wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma jidhirlix li għandha effett sinjifikattiv. Kif fakkart qabel, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li tikkwalifika bħala li jappartjeni għal ċirku ristrett operatur ekonomiku milqut minn "deċiżjoni [li] tbiddel id-drittijiet miksuba mill-individwu qabel l-adozzjoni tagħha[46]".

117. Għaldaqstant nikkunsidra li t-tieni aggravju huwa fondat, billi l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li r-rikorrenti ma kinux jagħmlu parti minn ċirku magħluq ta' istituzzjonijiet identifikabbli fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Għall-kuntrarju, jidhirli li dawn huma direttament[47] u individwalment ikkonċernati mid-deċiżjoni kkontestata.

118. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li r-rikors tar-rikorrenti huwa ammissibbli, u, għaldaqstant, tħassar id-digriet kkontestat sa fejn dan jirrigwarda l-parti tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għajnuna E 2/2005. Barra minn dan nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikors u tirriżerva l-ispejjeż.

## V – Sintesi

### A – *Dwar l-għajnuna N 642/2009*

119. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkunsidra, bħall-Qorti Ġenerali, li r-rikorrenti ma għandhomx interess ġuridiku sabiex jannullaw d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna N 642/2009.

120. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra t-tielet aggravju bħala parzjalment, manifestament inammissibbli u parzjalment, manifestament infondat.

### B – *Dwar l-għajnuna E 2/2005*

121. Qabel kull kwistjoni oħra, kuntrarjament għall-għajnuna N 642/2009, nikkunsidra li r-rikorrenti għandhom interess sabiex jitolbu annullament.

122. Sussegwentement, nikkunsidra li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma eżaminatx l-applikabbiltà tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE f'dan il-każ. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' l-appell.

123. F'dan ir-rigward, mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' jew tiddeċiedi definittivament il-kawża hija stess, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni din tal-aħħar.

46 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Infront WM, iċċitata iktar 'il fuq (punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 — Ara l-argumenti msemmija iktar 'il fuq dwar l-interess dirett fil-kuntest tal-eżami tal-aħħar parti tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE l-ġdid.

124. F’din il-kawża, nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi meħtieġa sabiex tiddeċiedi definittivament fuq il-kwistjoni tal-ammissibbiltà.

125. F’dan ir-rigward nosserva li l-kundizzjonijiet stabbiliti sabiex jintalab l-annullament fuq din il-bażi, jiġifieri li jkun hemm att regolamentari, li jikkonċerna direttament lir-rikorrenti u li ma jkollux miżuri ta’ implementazzjoni, huma sodisfatti.

126. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-fehma tiegħi, nemmen li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-interess individwali. Insostni li din hija sodisfatta fil-konfront tar-rikorrenti. Għaldaqstant, ir-rikors tar-rikorrenti kellu jiġi ddikjarat ammissibbli mill-Qorti Ġenerali u l-appell tagħhom għandu jintlaqa’, billi t-tieni aggravju huwa fondat.

127. Min-naħa l-oħra, naħseb li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiddeċiedi fuq il-mertu tar-rikorsi ppreżentati mir-rikorrenti sa fejn l-evalwazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali jwasslu esklużivament għall-ammissibbiltà tar-rikors, mingħajr ebda analiżi tal-mertu.

128. Għaldaqstant, il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrigwarda l-għajnuna E 2/2005.

## VI – Fuq l-ispejjeż

129. Peress li l-kawża ġiet irrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali, hemm lok li l-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri ta’ appell jiġu rriżervati.

## VII – Konklużjoni

130. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi bil-mod kif ġej:

1) L-appell huwa miċħud għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet tad-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta’ Diċembru 2011, Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni (T-203/10), li jirrigwardaw il-parti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9963 finali, tal-15 ta’ Diċembru 2009, dwar l-għajnuna mill-Istat E 2/2005 u N 642/2009 — il-Pajjiżi l-Baxxi — Għajnuna eżistenti u għajnuna speċifika għal proġetti favur kumpanniji ta’ akkomodazzjoni soċjali, dwar l-għajnuna N 642/2009.

2) Id-digriet Stichting Woonpunt *et* vs Il-Kummissjoni, iccitat iktar ’il fuq, huwa annullat sa fejn dan jirrigwarda l-parti tad-Deċiżjoni C (2009) 9963 finali dwar l-għajnuna E 2/2005.

3) Ir-rikors huwa ammissibbli fir-rigward tal-parti tad-Deċiżjoni C (2009) 9963 finali dwar l-għajnuna E 2/2005.

4) Il-kawża għandha tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea sabiex tiddeċiedi dwar il-fondatezza tar-rikors fir-rigward tal-parti tad-Deċiżjoni C (2009) 9963 finali dwar l-għajnuna E 2/2005.

5) L-ispejjeż huma rriżervati.